



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 53/21**  
il-Lussemburgu, 14 ta' April 2021

Sentenza fil-Kawża T-388/20  
Ryanair DAC vs Il-Kummissjoni

**Il-garanzija tal-Finlandja favur il-kumpannija tal-ajru Finnair intiża bħala għajnuna fil-kisba, minn fond tal-pensjoni, ta' self ta' EUR 600 miljun sabiex ikopri l-bżonnijiet tagħha ta' kapital operattiv wara l-pandemja tal-Covid-19 hija konformi mad-dritt tal-Unjoni**

*Il-garanzija kienet neċċessarja sabiex tirrimedja d-disturb serju tal-ekonomija Finlandiża, fid-dawl tal-importanza ta' Finnair għal din l-ekonomija*

Fit-13 ta' Mejju 2020, il-Finlandja kkomunikat lill-Kummissjoni miżura ta' għajnuna fil-forma ta' garanzija tal-Istat favur il-kumpannija tal-ajru Finlandiża Finnair Plc, intiża li tgħin lil din tal-aħħar tikseb, minn fond tal-pensjoni, self ta' EUR 600 miljun intiż li jkopri l-bżonnijiet tagħha ta' kapital operattiv. Il-garanzija, biex tkopri 90 % tal-imsemmi self, kienet limitata għal tul massimu ta' tliet snin u setgħet tiġi invokata fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' Finnair fir-rigward tal-fond tal-pensjoni.

B'riferiment għall-komunikazzjoni tagħha dwar il-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-Covid-19<sup>1</sup>, il-Kummissjoni kklassifikat il-garanzija mogħtija lil Finnair bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE<sup>2</sup>. Skont din id-dispożizzjoni, l-għajnuna intiża li tirrimedja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru tista', taħt ġerti kundizzjonijiet, titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpannija tal-ajru Ryanair ippreżentat rikors intiż għalli-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, iżda dan ġie miċħud mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, hija teżamina, għall-ewwel darba, il-legalità ta' għajnuna mill-Istat individwali adottata sabiex jiġu indirizzati l-konseguenzi tal-pandemja tal-Covid-19 fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE<sup>3</sup>.

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralni**

Il-Qorti Ĝeneralni twettaq, fl-ewwel lok, analiżi tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

Minn naħħa, fir-rigward tal-ilmenti bbażati fuq il-fatt li għajnuna li tibbenifika lil impriżja individwali waħda ma tistax tirrimedja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, il-Qorti Ĝeneralni tfakkar qabel kollox li din id-dispożizzjoni tapplika kemm għall-iskemi ta' għajnuna kif ukoll għall-ġħajnuna individwali. Għalhekk, għajnuna individwali tista'

<sup>1</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU 2020, C 91 I, p. 1), emendata fit-3 ta' April 2020 (ĠU 2020, C 112 I, p. 1).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 3387 tat-18 ta' Mejju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56809 (2020/N) – Il-Finlandja - COVID-19 : Garanzija tal-Istat mogħtija lil Finnair.

<sup>3</sup> Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2021, Ryanair vs Il-Kummissjoni, [T-238/20](#) (ara wkoll l-istqarrja għall-istampa [Nru 16/21](#)), il-Qorti Ĝeneralni wettqet eżami analogu tal-legalità ta' skema ta' għajnuna mill-Istat adottata mill-Isvezja sabiex tindirizza l-konseguenzi tal-pandemja tal-Covid-19 fis-suq Svediż tat-transport bl-ajru. Fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' April 2021 Ryanair vs Il-Kummissjoni, [T-378/20](#), u Ryanair vs Il-Kummissjoni, [T-379/20](#) (ara wkoll l-istqarrja għall-istampa [Nru 52/21](#)), il-Qorti Ĝeneralni twettaq, barra minn hekk, eżami ta' żewġ miżuri distinti ta' għajnuna individwali fuq il-bażi tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE.

tiġi ddikjarata li hija kompatibbli mas-suq intern sakemm hija tkun neċċessarja, xierqa u proporzjonata sabiex jiġi rrimedjat disturb serju tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat.

Sussegwentement, il-Qorti Ĝeneralni tispeċifika li **I-falliment eventwali ta' Finnair ikollu konsegwenzi serji għall-ekonomija Finlandiża, b'tali mod li I-garanzija tal-Istat, sa fejn din hija intiża li ssostni I-attivitajiet ta' Finnair u tevita li I-eventwali falliment tagħha tikkawża iktar disturb għall-ekonomija Finlandiża, hija xierqa sabiex tirrimedja d-disturb serju tal-ekonomija Finlandiża kkawżat mill-pandemja tal-Covid-19.**

Din il-konklużjoni tal-Qorti Ĝeneralni hija bbażata fuq il-fatt li Finnair:

- hija t-trasportatur bl-ajru ewljeni fil-Finlandja, bi kważi 15-il miljun passiġġier ittrasportat fl-2019, jiġifieri 67 % tal-passiġġieri kollha ttrasportati lejn, minn u ġewwa l-Finlandja;
- hija l-operatur ewljeni tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru fil-Finlandja, tissodisfa l-bżonnijiet ta' diversi impriżi li jinsabu fit-territorju Finlandiż, kemm għall-esportazzjoni kif ukoll għall-importazzjoni ta' prodotti, u għandha network Ażjatiku estiż;
- għandha 6 800 impjegat, filwaqt li I-akkwisti tagħha mingħand forniture, il-biċċa l-kbira Finlandiż, kienu jammontaw għal EUR 1.9 biljun fl-2019;
- tagħmel sforzi sinjifikattivi fir-riċerka fil-Finlandja u tirrappreżenta s-sittax l-ikbar kumpannija fil-Finlandja f'dak li jirrigwarda l-kontribut tagħha għall-PDG ta' dan il-pajjiż.

Min-naħħa l-oħra, fir-rigward tal-ilmenti bbażati fuq il-fatt li I-Kummissjoni naqset milli tibbilanċja l-effetti benefiċi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha, il-Qorti Ĝeneralni tiddeċiedi li I-Artikolu 107(3)(b) TFUE ma jipponix tali analiżi, kuntrarjament għal dak li huwa pprovdut fl-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Tali bbilanċjar lanqas ma huwa meħtieġ abbażi tal-komunikazzjoni dwar il-qafas temporanju.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ĝeneralni teżamina l-allegat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralni tosserwa, qabel kollox, li, min-natura tagħha stess, għajjnuna individwali tistabbilixxi differenza fit-trattament, saħansitra diskriminazzjoni, li hija inerenti għan-natura individwali tal-miżura. L-argument li tali għajjnuna tmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jkun, essenzjalment, jikkontesta sistematikament il-kompatibbiltà mas-suq intern ta' kull għajjnuna individwali filwaqt li d-dritt tal-Unjoni jippermetti lill-Istati Membri jagħtu tali għajjnuna fl-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 107 TFUE.

Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt li d-differenza fit-trattament stabbilita mill-garanzija mogħtija lil Finnair tista' titqies li hija diskriminazzjoni, għandu jiġi vverifikat jekk hijex iż-ġustifikata fuq il-bażi ta' għan leġġittmu u jekk hijex neċċessarja, xierqa u proporzjonata sabiex dan jintlaħaq.

Skont il-Qorti Ĝeneralni, il-modalitajiet **tal-ġhoti tal-garanzija mogħtija lil Finnair huma ta' natura li jiħeq l-ġħan mixtieq, peress li ġew stabbiliti suffiċċientement fid-dritt l-eżistenza ta' disturb serju tal-ekonomija Finlandiża minħabba l-pandemja tal-Covid-19 u l-effetti negattivi sinjifikattivi ta' din tal-aħħar fis-suq Finlandiż tat-trasport bl-ajru. Il-miżura ta' għajjnuna hija, barra minn hekk, neċċessarja, peress li Finnair qiegħda taffaċċja r-riskju ta' falliment minħabba l-erożjoni f'daqqa tal-attività tagħha u l-impossibbiltà li tkopri l-bżonnijiet ta' likwidità tagħha permezz tas-swieq tal-kreditu. Fl-aħħar nett, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-importanza ta' Finnair għall-ekonomija Finlandiża, l-ġhoti tal-garanzija tal-Istat unikament lil din tal-aħħar ma jeċċedix il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċċessarju għat-twettiq tal-ġħanijet li jridu jintlaħqu mill-Finlandja.**

Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-ilmenti bbażati fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment, il-Qorti Ĝeneralni tikkonstata li **Ryanair ma stabbilixxiet kif in-natura esklużiva tal-ġhoti tal-garanzija tal-Istat hija tali li tiskoraġġixxiha milli tistabbilixxi ruħha fil-Finlandja jew milli tipprovdni servizzi minn jew lejn dan il-pajjiż. Il-Qorti Ĝeneralni tispeċifika li Ryanair baqqħet ma identifikat il-punti ta' fatt jew ta' li ġiġi tagħha li l-ġħajjnuna individwali inkwistjoni tiproduċi effetti restrittivi li jmorru lil hinn minn dawk li jagħtu lok għall-projbizzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, iżda li**

huma madankollu neċċesarji u proporzjonati sabiex jiġi rrimedjat id-disturb serju tal-ekonomija Finlandiża kkawżat mill-pandemija tal-Covid-19, konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

Il-Qorti Ĝeneralni tiċħad, fl-aħħar nett, bħala infondati l-motivi bbażati fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tikkonstata li ma huwiex neċċesarju li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet proċedurali dderivati mill-Artikolu 108(2) TFUE.

---

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ĝeneralni, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jīġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ĝeneralni. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal l-kunċċa ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ĝeneralni.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*